# Patri Ġużeppi Delia, S.J.

*minn Re. Nikol Aquilina*[1]

**Hu sinjal ta' dehen meta wieħed jagħraf il-kobor u l-ħila ta' sieħbu jew sħabu; hu sinjal ta' rikonoxxenza meta aħna napprezzaw u nqimu dak li ħaddieħor ħalaq jew kattar b'tant sengħa u ċaħdiet.**

Għalhekk iltqajna hawn il-lejla biex nuru lill-oħrajn u lilna wkoll kemm hi għażiża għalina t-tifkira u l-ħidma ta' Patri Delia S.J. Inħossuh jgħaqqadna għax hu wieħed minn tagħna li twieled u għex fostna u baqa' jaħseb fir-raħal tagħna nistgħu ngħidu sa l-aħħar nifs ta' ħajtu.

Karmenu Vassallo, meta jiġi biex jippreżenta lil Patri Delia jagħmlilna osservazzjoni ta' min jifhimha u jqisha bir-reqqa. Hu jistqarr: "Wara l-Professur Duttur Nikola Zammit aktarx li s-Siġġiewi ma ta qatt bniedem egħref minn Patri Ġużepp Delia S.J."[2] Mela min kien Patri Delia? Għalfejn jistħoqqlu dan it-tifħir?

Nistħajjel li kieku kellu jweġibna b'fommu stess kien jgħidilna: *Jiena Saċerdot - Ġiżwita.* Għalih is-saċerdozju kien il-qofol u l-eżistenza tiegħu meta ħass ix-xrara tal-vokazzjoni sa' l-aħħar nifs ta' ħajtu. Ma kien hemm xejn aktar li jimlielu qalbu. Fil-Kumpanija ta' Ġesù Patri Delia laħaq l-ogħla postijiet kemm bħala Rettur tal-Kulleġġ ta' San Alwiġi kif ukoll bħala l-ewwel Provinċjal tal-Ġiżwiti Maltin. Nisimgħu lilu stess jiftaħ qalbu mal-Mulej meta jħares lura u jara li laħqu għaddew ħamsin sena minn mindu ġie ordnat saċerdot:

F'għeluq il-Hamsin sena
Tas-saċerdozju tiegħi,
Irroddlok ħajr, Mulejja,
Ta' kemm int għamilt miegħi.

Għamiltni kbir, għollejtni,
Fuq Slaten u Kbarat,
Wettaqt din ruħi fqira
B'kull xorta ta' setgħat.

Għamiltni Kristu bħalek,
Bl-istess missjoni tiegħek,
Irfidtni u tajtni l-qawwa,
L-istess qawwa ta' driegħek...

Lil dawk illi għenuni,
Biex saċerdot insir,
Saċerdot u Ġiżwita
Iben Loyola l-kbir,

Nibqa' niftakar fihom
Fis-sagrifiċċji tiegħi,
U nibqa' nitlob dejjem
Għal dawk li ħadmu miegħi.[3]

Il-faraġ tiegħu kien il-ħajja pastorali speċjalment bil-kelma. Niftakru li Patri Delia kien predikatur imfittex. Meta kont għadni seminarista u kien jiġi jagħtina xi rtir, niftakar kien isaħħarni bil-ħlewwa tal-kelma li qatt ma kienet tonqsu. Patri Delia ħaddem ukoll il-pinna biex jagħtina kotba sbieħ reliġjużi bħal ngħidu aħna l-Meditazzjoni u dan l-aħħar it-traduzzjoni ta' l-Eżerċizzi ta' Sant'Injazju.

Patri Delia kien poeta: kollox kien jara bil-lenti tal-poeżija. Ir-reliġjon u l-poeżija għaliha kienu żewġ affarijiet li ntgħaqnu flimkien fin-natura tiegħu tant li meta taqra l-poeżija tħoss li għandek tistaqsi: imma x'qed niggosta l-aktar il-benna tal-kelma safja jew il-faraġ tal-ħsieb reliġjuż? Bħala eżempju ta' dan nistgħu nsemmu l-poeżija "Quddiem Xbieha ta' Ġesù." Isimgħu ftit xi ġmiel, xi tqanqil u x'sengħa hemm minsuġin flimkien f'din il-poeżija waħda mix-xogħlijiet il-kbar ta' wieħed mill-akbar poeti tagħna.[4]

Il-poeżija ta' Delia hi dejjem lirika jiġifieri jkun hemm xi ħaġa jew xi ħsieb li jolqot lis-sensibbiltà tal-poeta, imbagħad dan jibdilha fl-immaġinazzjoni tiegħu u joħroġ minn qalbu t-

tqanqil mibdul f'poeżija bis-sengħa li tgħaxxaq lil min jismagħha. Il-poeżija ta' Delia hi bħal mużika mexxejja, melliesa u tal-widna li tgħanni quddiem Sħaba, tgħanni lill-Bibla u quddiem is-Siġar bħalma tgħanni wkoll quddiem in-niket tal-ħajja. Anzi hawn ta' min ifakkar li Patri Delia tana l-isbaħ eleġija fil-letteratura Maltija. Qed nirreferi għall-poeżija *Tiftakar?* li Patri Ġużepp kiteb wara l-mewt ta' ħuh Beneditt Delia.[5] F'din l-eleġija tolqtok it-tnehida tal-qalb muġugħa fit-telfa ta' ħuh. Ħaġa naturali! Imma jolqtok ukoll l-ottimiżmu u t-tama ta' ruħ reliġjuża li tgħallmet tara l-id t'Alla wkoll fl-affarijiet li jweġġgħu n-natura tal-bniedem:

...Ftit xhur biss wara rajtu jifrex fuqek
l-anġlu ħabbar tal-mewt ġwinħajh dellija,
u jrodd fuq ġbinek bewstu kiesħa kiesħa
bħaż-żiffa mreżżħa tal-għodwiet xitwija.

U rġajt tbissimt bħal dak in-nhar fl-għaxija,
u wqajt bħal warda fl-isbaħ jiem ta' Mejju...
Ħassejt madwari bħal tferfir ta' ġwienaħ
u daqq u għana moħbi l-aktar ħlejju!

Qasam ieħor letterarju li fih P. Delia għandu post speċjali huwa l-Leġġendi. Kien fl-1958 meta Delia ppubblika ktieb li kien jiġbor fih disa' leġġendi. Imma minn dak iż-żmien 'l hawn P. Delia kompla jagħtina għadd ġmielu ta' leġġendi. Is-sbatax li kiteb jinsabu miġbura fil-ħames edizzjoni. Dawn il-leġġendi titgħaxxaq taqrahom: fihom jolqtok ir-ritmu, in-nisġa ċara tar-rakkont, l-istil didattiku, l-immaġinazzjoni ħajja tal-poeta. Ngħid għalija ma nixbax niftakar fil-ftuħ tal-Leġġenda ta' Brejbes. Bi ftit pinzellati, il-poeta jdaħħalna fis-suġġett tal-leġġenda, qisha epika li ddur fuq il-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin: Brejbes li jirnexxilu jirbaħ ruħ qaddisa.

Dan is-saċerdot-poeta kien ukoll patrijott.[6] Kien iħobb tassew ir-raħal b'dak kollu li fih, bil-kampanja ta' madwar. Hu damm ġmiel ta' ħsibijiet fuq Tal-Għolja, il-Widien li bħal żewġ dirgħajn iħaddnu r-raħal tagħna; għanna l-ġmiel tal-Knisja parrokkjali bil-qniepen tagħha li jsaħħruk bit-tokki armonjużi tagħhom; għolla sas-smewwiet il-ġenju ta' wlied ir-raħal, fosthom u qabel kulħadd lil Prof. Nikola Zammit. Imma fuq kollox kien hemm ħaġa tant għażiża għal qalbu u li kienet torbtu mar-raħal: il-patrun San Nikola. Ta' kull sena, xi drabi aktar minn hekk, Delia kien jikteb sunetti u poeżiji fuq il-qaddis tagħna. Infatti bla għadd huma l-għanjiet tiegħu fuq il-Qaddis ta' Bari. Kien dara jdur fuq Nikola u jkantalu bil-ferħ ta' qalbu, b'kunfidenza ta' iben quddiem missieru ħanin (ara l-poeżija li kiteb Delia lill-Qaddis fl-aħħar ta' dan id-diskors).

Il-ħeġġa ta' P. Delia lejn il-festa ta' San Nikola kienet xi ħaġa li tidher: hu qatt ma kien jonqos li jattendi għall-Vespri u għat-translazzjoni. Konna drajnieha dan l-aħħar il-figura tiegħu titbandal u kalma waqt li jitkellem u jawgura l-isbaħ xewqat lil sħabu s-saċerdoti speċjalment dawk anzjani. Konna niggustawh aħna wkoll meta kien iżellaq xi ċajta: xhieda ta' ħajja sempliċi u ferħana f'Alla.

Ngħidu li l-qalb teħber. U jkollna nissoponu li qalb Delia ħebritu li l-1980 kellha tkun l-aħħar sena ta' ħajtu. Kif jistqarr dwar ħuh Benedittu, hekk ukoll Delia ħass bħal x'jiġbdu mill-għoli, ruħu bħal tniehdet, donnha mxennqa riedet taħrab, tittajjar minn dal-wied ta' dwejjaq.[7] B'hekk biss nistgħu nispjegaw it-tqanqil li ħass meta fil-bidu ta' din is-sena kiteb "*L-għanja tat-Tmenin*": damma ta' tmenin strofa daqs kemm huma snin li għalaq f'April li għadda. Din il-poeżija hi l-awtobijografija tiegħu, ħierġa minn qalb u tħaddan l-oqsma u l-ħsibijiet li għadda minnhom il-poeta:

Irrid illum din l-għanja li nħoss taħraq
U tbaqbaq ġewwa fija,
Infissirha bil-kelma, safja u ħelwa,
Li darba twelidt biha.

Għaliex illum għalaqt it-tmenin sena
Bil-ġrajja mħallta tagħhom,
Ta' niket u ta' ferħ, illi f'mixjithom
Is-snin iġibu magħhom...

U nħossni ma' kull pass li qiegħed nagħti,
Qed nersaq lejn it-tmiem,
Li hemm xi ħaġa fija timbuttani,
Lejn il-ħofra, 'il quddiem...

Irridu nsemmu hawnhekk ukoll l-aħħar ittra li Patri Delia bagħat lil oħtu Marija preċiżament fil-21 ta' Awissu ta' din is-ena. Fiha bħas-soltu l-poeta juri l-għożża tiegħu lejn il-qaddis tagħna

imma fl-istess ħin jistqarr il-biża' tiegħu li din setgħet tkun l-aħħar għanja tiegħu. Lil oħtu qalilha hekk:[8]

Loyola House, Naxxar
21-viii-80

Għażiża oħti Marija,

Qed nibgħatlek dil-poeżija "Lil San Nikola" biex tnewwilha lill-Arċipriet, biex, jekk jidhirlu, joħrogħa f'*Is-Siġġiewi* tas-sena d-dieħla. Jekk inżommha għandi, għandi mnejn nitlifha. F'idejk, tkun iktar imħarsa tajjeb.

Għedt "Aktarx din tkun l-aħħar għanja!" Għax hekk inħoss bħalissa. Imma jekk nibqa' ħaj u l-Muża tibqa' taħdem, aktarx ukoll li ma tkun l-aħħar. Naraw! Inħallu f'idejh!

Insellimlek u dejjem nirringrazzjak ta' kemm tagħmel miegħi. Tiħux għalija jekk tarani iktar sieket mis-soltu. Dan naħseb li hu effett tax-xjuħija u mhux ta' nuqqas ta' mħabba. Oqgħod żgur.

Nitolbu għal xulxin! Ħuk,

Iż-Żużu S.J.

P.S. Dawn il-*cards* qassamhom lill-ħbieb.

Illum aħna nafu liema jum kellu jkun l-aħħar wieħed għal Patri Delia. Għal dan il-jum hu kien imħejji bħall-qaddej għaqli tal-Vanġelu. Kieku seta' jħarrek xofftejh, illum ukoll kienet toħroġ minn fommu dik it-talba mħeġġa li tnieħed fil-15 ta' Lulju 1980:

Mulej tal-grazzji kollha
Nerġa' kull ħajr nagħtik!
Agħmel li l-fdal ta' ħajti
Ngħixu biss fik w għalik![9]

Lil dan il-kbir saċerdot, poeta u patrijott, iben den ta' raħal twelidna, ma ninsewhx aħna l-kbar li għexna miegħu, ma jinsewhx iż-żgħar li għad jagħrfuh f'kitbietu, ma jinsiehx il-Mulej tal-ġid li għamel fil-qasam Tiegħu u għalhekk nistennew li bħalma aħna għoddejnieh mal-kbar ta' raħalna, il-Mulej fil-ħniena tiegħu, idaħħlu mal-għadd tal-magħżulin fis-sema.

**Lil San Nikola**
**Patrun tagħna s-Siġġiwin**

Aktarx din tkun, fost l-għanjiet li għannejtlek,
L-aħħar għanja, li biha ntik tifħir.
Sabiex quddiem kulħadd, nurik mad-dinja,
Kemm int Qaddis, tassew setgħani u kbir.

U nuri wkoll kemm kienet f'qalbi kbira,
Ħeġġet l-imħabba, li minn snin tfuliti
Dejjem ħassejt għalik, u maż-żmien kibret,
U għadni nħossha s'issa, fi xjuħiti.

Int kont dejjem għalija, Missier twajjeb,
U ħadt ħsiebi u mexxejtni fuq it-triq
Ta' din il-ħajja mwiegħra, li hi miżgħuda,
B'kull xorta ta' tfixkil u ta' xewk u għolliq.

L-imħabba tiegħi lejk, kull sena, f'demmi,
Ħassejtha tbaqbaq l-iktar f'dal-jum tiegħek,
Li stennejt dejjem, bl-ikbar ħerqa u sabar,
Biex nifraħ bik, w inħossni iktar miegħek.

F'żgħożiti ġrejt 'il bogħod, minn xtut gżiritna,
U fost ġnus oħra għext, għal ħafna snin,
'Ma f'jum il-festa tiegħek, qatt ma nsejtek,
B'qalbi kont hawn, ma' ħuti s-Siġġiwin.

Kont dejjem hawn quddiemek f'din il-Knisja
Li ġmielha bqajt infaħħar, mal-barrani,
Kont dejjem hawn quddiemek, O Nikola,
Bħal meta f'żmien tfuliti kont tarani.

U kont nisthajjel li qed nisma jidwi,
Id-daqq tal-qniepen tagħna hawn f'widnejja,
U li mill-ġdid fit-toroq qed niġġerra,
U l-bnadar imlewnin, nilmaħ b'għajnejja.

Kienet tkun ħolma, li kont ħieni noħlom,
Dejjem, kull sena, meta kont fil-bogħod,
Mid-djar imżejna ta' dar-raħal tagħna,
U demmi fija, kont inħoss jirtogħod.

Imma għalkemm ħolma, kont inħossha fija,
Illi tferraħli qalbi u li taħjini,
U fit-taqbida ħarxa ta' dil-ħajja,
Terġa' mill-ġdid, qawwa rebbieħa ttini.

Nikola, għannejtlek kemm-il għanja f'ħajti,
Għax dejjem qistek bħala kbir qaddis,
U dejjem kont, fost il-erwieħ tas-sema,
L-iktar, illi ħassejt għal qalbi għażiż.

Illum inħoss li s-snin qed jagħmlu tagħhom,
U li qed dejjem riesaq lejn it-tmiem,
U saret tqila l-medda ta' riġlejja,
Biex f'inżul u fit-tlugħ, nimxi 'l quddiem.

Kif tul dil-ħajja, kont maġenbi dejjem,
U dejjem sibtek miegħi, f'kull tfixkil,
Għażiż Nikola, twarrabx issa, minni,
W ibqa' ħarisni mit-tnassis qalil

Ta' l-għadu li madwarna, bħal ljun aħrax,
Mingħajr ebda mistrieħ, dejjem iħuf,
W għall-qerq u l-ħażen, tal-manuvri tiegħu,
Fid-dinja minn kulħadd, jibqa' magħruf.

Wara li f'din id-dinja għamilt minn kollox,
Biex kull qima u mħabba, jien nurik
Ħudni miegħek il-ġenna biex nissokta,
L-aqwa ġieħ u tifħir, hemm fuq nagħtik.

## Referenzi

1 Dan id-diskors inqara f'quddiesa konċelebrata li s-saċerdoti u n-nies tas-Siġġiewi offrew flimkien, għal ruħ Delia fil-Knisja Parrokkjali tar-Raħal, tmint ijiem wara l-mewt tal-poeta fis-6 ta' Ottubru, 1980. Fl-1981 l-istess diskors deher stampat fil-ktieb ta' Ġorġ Mifsud u J. M. Ghigo S.J. li jġib l-isem ta' *Ġużè Delia Ġiżwita* (pubblikazzjoni Bugelli).

2 Karmenu Vassallo, *Vatum Consortium* (1968), paġ. 554.

3 *Lil Ħbiebna* (Lulju Awissu, 1980), paġ. 114.

4 *Vatum Consortium,* paġ. 450.

5 *Ibid.,* paġ. 340.

6 "Raħal Twelidi", *Vatum Consortium,* paġ. 422.

7 *Ibid.,* paġ. 340.

8 Ittra mibgħuta lil Marija Delia nhar il-21 ta' Awissu 1980.

9 Ara l-aħħar strofa tal-poeżija: "Bħala tifkira f'għeluq il-ħamsin sena tas-saċerdozju tiegħi," 31 ta' Lulju, 1930, 1980. *Lil Ħbiebna* (Lulju Awissu 1980) paġ. 114.


Since 1898, generations

Unsurpassed Quality and craftsmanship

have been flattered with gifts of

unsurpassed quality and craftsmanship



VICTOR AZZOPARDI

JEWELLERS

of Emmanuele Azzopardi 1898

**31/32 St. Anne Street, Floriana. Tel: 233715, 2222949. Fax: 233139**